**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Rikors Nru. 149/2016**

**Frank Borda [K.I. Nru 435133M] u Frank Borda Limited [C-446]**

**Vs**

**Carmel Galea [K.I. Nru 622346M] u martu Doris Galea [K.I. Nru 237351M]**

**Illum 1 ta' Lulju, 2020**

Il-Qorti;

Illi permezz ta' rikors ta' Frank Borda u Frank Borda Limited pprezentat fis-27 ta' Gunju, 2016 huma premettew is-segwenti:

"Illi permess ta' Rikors ippreżentat f'din il-Qorti l-intimati konjuġi Galea qiegħdin jitolbu li din l-Onorabbli Qorti tikkundanna lill-esponenti jħallsu s-somma ta' €8,500 jew somma oħra verjuri li tiġi

likwidata mill-Qorti sal-kompetenza massima tagħha rappreżentanti danni u ħsarat kaġunata fil-proprjetà tagħhom 47, Flat 1, Triq Marina, Kalkara fil-kors tax-xogħolijiet ta' kostruzzjoni u żvilupp imwettaq fil-proprjetà 45 Misraħ Arċisqof Gonzi u 41 u 43 Triq ir-Rinella, Kalkara.

Illi kontestwalment mar-Rikors huma ppreżentaw mandat ta' sekwestru numru 887/2016.

Illi sussegwentement l-esponenti ottjenew garanzija bankarja rilaxxata mill-Bank of Valletta plc fl-ammont ta' €8,938 liema garanzija bankarja tinsab depożitata fl-atti ta' din l-Onorabbli Qorti permezz ta' ċedola numru 933/2016. Illi apparti dan, b'riżultat tal-mandat ta' sekwestru ġiet depożitata l-Qorti is-somma sekwestrata permezz ta ċedola ta' depożitu numru 1022/2016.

Illi apparti dan, il-kumpanija Frank Borda Limited m'għandha x'taqsam xejn mal-vertenza billi l-proprjetà li ġiet żviluppata hija internament proprjetà personali ta' Frank Borda.

Illi fis-sit in kwistjoni ġew żviluppati public service garage, sitt appartamenti u penthouse li huma wkoll proprjetà tal-esponenti Frank Borda proprio u ma hemm l-ebda dejn fuqhom u ċertament din il-proprjetà hija ta' valur ferm superjuri għall-ammont reklamat mill-intimati u anke tal-valur li jibqa' fil-kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti.

Illi apparti dan, il-kumpanija Frank Borda Limited hija kumpanija li ilha tinnegozja Malta snin twal tant illi n-numru ta' reġistrazzjoni tagħha huwa wieħed minn tal-ewwel u għandha diversi ħaddiema u impjegati, diversi stabbilimenti f'Malta u Għawdex u hija l-aġent ta' diversi prodotti reklamati fosthom il-vetturi Skoda.

Illi anke mad-daqqa t'għajn jidher ċar li l-kumpanija hija ta' ċertu stabbilita finanzjarja.

Illi għalhekk ċertament ma jistax jingħad illi kieku ma sarx il-mandat inkwistjoni, kien hemm xi biża' li l-kreditu mitlub mill-intimati Galea kien jista' jew sejjer jiġi eluż.

Illi għalhekk à tenur tal-Artikolu 836.1.(e) tal-Kap 12, ġiet provduta garanzija suffiċjenti għall-ammont mitlub fil-mandat u apparti dan jidher ċar u manifest illi miċ-ċirkostanzi fuq imsemmija m'huwiex raġonevoli li l-mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ à tenur tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 836.1.(f) tal-Kap 12.

Apparti dan, à tenur tal-Artikolu 836.8(c) tal-Kap 12, iċ-ċirkostanzi tal-intimati ċertament ma kinux tali li jagħtu xi dubju raġonevoli dwar is-solvenza jew l-stabbilita finanzjarja tagħhom u li tali stat ta' debitur kien notorju, anzi huwa proprju l-invers u à tenur tal-Artikolu 836.8(d) tal-Kap 12, jidher ċar illi l-ħruġ tal-mandat kien malizzjuż, frivolu u/jew vessatorji.

Għaldaqstant l-esponenti jitolbu bir–rispett li din l-Onorabbili Qorti:

1) Tordna l-ħruġ tal-kontro-mandat tal-mandat numru 887/2016 fuq imsemmi għar-raġunijiet premessi u

2) Tiddikjara illi à tenur tal-Artikolu 836.8(c) tal-Kap 12, iċ-ċirkostanzi tal-intimati ċertament ma kienux tali li jagħtu xi dubju raġonevoli dwar is-solvenza jew l-istabbilità finanzjarja tagħhom u li tali stat ta' debitur kien notorju, u à tenur tal-Artiklu 836.8(d), l-ħruġ tal-mandat kien malizzjuż, frivolu u/jew vessatorji u

3) Tikkundanna lil-intimati konjuġi Galea jħallsu penali favur l-esponenti ta' m'hux inqas minn €1164.69 u m'hux iktar minn €6988.12 a tenur tal-Art 836 (8) tal-Kap12.

Bl-ispejjes."

Rat illi fis-26 ta' Lulju, 2016 Carmel u Doris konjugi Galea prezentaw risposta fejn eccepew is-segwenti:

Illi huma qeghdin jaccettaw il-garanzija bankarja mahruga mill-Bank of Valletta plc u depozitata fl-Atti tal-mandat ta' Sekwestru numru 887/16 fl-ismijiet: Carmel Galea (ID 622346M) u martu Doris Galea (ID 237351M) vs Frank Borda (ID 435133M) u Frank Borda Limited (C-466).

Illi ghalhekk l-esponenti mhumiex jopponu il-hrug tal-kontro-mandat ghall-mandat ta’ sekwestru fl-ismijiet sakemm il-garanzija msemmija tibqa’ depozitata fl-atti ta’ din il-Qorti u fis-sehh biex taghmel tajjeb ghall-hlas eventwali li din il-Qorti tista’ tiddikjara bhala dovut lill-esponenti fl-atti tal-kawza fl-ismijiet Carmel Galea et vs Frank Borda et (Rikors 91/2016 MV).

Illi in vista tal-premess ma hemmx lok sabiex din il-Qorti tippronunzja ruhha fuq it-tieni u t-tielet domanda fir-rikors tas-27 ta’ Gunju 2016 fl-ismijiet premessi. F’kull kaz l-esponenti jissottomettu li s-sekwestru kien mehtieg biex jikkawtelaw il-pretensjonijiet taghhom tenut kont li ghal diversi snin u minkejja diversi interpellazzjonijiet ufficjali u skambji bejn il-kontendenti, ir-rikorrenti u l-esponenti kellhom biza’ li l-intimati ma jaghmlux tajjeb ghall-hsarat li kkagonaw fil-fond tal-esponenti u l-esponenti kellhom biza’ reali li dawn kienu ser jiddisponu mill-proprjeta’ zviluppata minnhom li bix-xogholijiet fiha kkagonaw il-hsarat.”

Rat li permezz ta’ rikors tat-2 ta’ Awwissu, 2016 din il-Qorti giet infurmata li fil-mori inhareg l-hrug ta’ kontro mandat ghal mandat *de quo*.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet il-provi.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet ta’ nhar l-4 ta’ Marzu, 2020

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Jirrizulta mill-atti li r-rikors ghar-revoka tal-Mandat gie prezentat ftit wara l-prezentata tar-rikors u ghalhekk din il-Qorti ghandha tiddeciedi fuq it-tieni u t-tielet talba.

Illi dan ir-rikors qieghed isir abbazi tal-artikolu 836(8)(c) u (d) tal-kap 12 li jipprovdi:

*(8) Il-qorti tista' tikkundanna lir-rikorrent li jkun inħareġ att kawtelatorju fuq talba tiegħu sabiex iħallas penali ta' mhux in qas minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) u mhux iżjed minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il ċenteżmu (6,988.12) li jmorru għand il-persuna li kontriha jkun inħareġ l-att kawtelatorju, f'kull każ minn dawn li ġejjin:*

il-paragrafu (c) li jghid :-

*li jkun hemm garanzija xierqa ohra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta` min ikun talab il-hrug ta` l-att kawtelatorju sew bil-hrug ta` att kawtelatorju iehor, inkella jekk dik il-garanzija ohra tista` ghas-sodiosfazzjon tal-qorti tassigura bizzejjed il-pretensjoni.*

il-paragrafu (d) li jghid :-

*jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie gustifikat jew ikun eccessiv.*

L-Artikolu 836(8) tal-Kap.12 jaghti lill-Qorti diskrezzjoni li timponi penali kontra l-persuna li tkun ipprezentat l-att kawtelatorju a favur tal-persuna li kontriha jkun gie presentat l-att f'numru specifikat ta' kazi li huma ndikati minn paragrafu (a) sa (d) tal-istess subartiklu.

Minbarra l-fatt li din l-imposizzjoni hija fakultattiva, irid jintwera ghas-soddisfazzjon tal-Qorti li trid tkun sehhet wahda mic-cirkostanzi mahsubin mil-ligi biex tali sanzjoni tigi imposta. Erbgha huma c-cirkostanzi elenkati fl-Artikolu 836(8) f'dan ir-rigward, u ladarba hemm sanzjoni punittiva ghandhom jitqiesu bhala tassattivi. (ara "**Farrugia vs C&F Building Contracters Ltd**." –P.A. (JRM) – 14 ta' Awwissu 2014, "**Cole Foods Ltd. vs Euro Imports Ltd**" – P.A.(TM) – 13 ta' Marzu 2003, "**Spiteri vs Darmanin**" – P.A. (JRM) 25 ta' Awwissu 2010).

Illi dwar din id-diskrezzjoni nghad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirrizultaw l-estremi li l-ligi tezigi. Il-penali mahsuba fl-Artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija wahda ta' ordni pubbliku immirata li tizgura serjeta` fil-process gudizzjarju u biex ma thallix li l-istitut tal-mandati kawtelatorji jintuza b'abbuz.

Illi fil-kaz "**Paul Attard noe. vs Loreto Abela**" – P.A. (JRM) – 25 ta' Mejju 2005, inghad hekk:

*"Illi ghar-rigward tal-azzjoni attrici immirata ghall-kundanna tal-imharrek ghad-danni minhabba u b'konsegwenza ta' hrug ta' mandat kawtelatorju kollox irid jitqieghed fil-qafas ta' zewg principji ewlenin; l-ewwel wiehed huwa dak li min jirrikorri ghall-jedd li ghandu ma jitqiesx li hu responsabbli ghall-hsara mgarrba minn haddiehor minhabba l-uzu xieraq ta' dak il-jedd ("qui suo jure utitur neminem laedere videtur"); it-tieni wiehed huwa dak li l-jedd li wiehed ifittex ir-rimedji tieghu billi jirrikorri ghall-awtorita` gudizzjarja, minflok jiehu l-ligi b'idejh, m'ghandux jigi mxekkel bla bzonn;*

*Illi generalment l-abbuz mill-procedura guddizzjarja jitqies biss f'kazijiet eccezzjonali li, x'aktarx, jintrabtu mal-qerq ta' persuna li tkun irrikorriet ghaliha jew mal-frugha tal-pretensjoni nnifisha. Fejn ikun hemm element ta' agir fieragh fi procedura gudizzjarja, dan normalment jixhed l-abbuz tal-process gudizzjarju. F'dan ir-rigward inghad li ghalkemm, ir-ragunijiet li ghalihom min ikun talab u kiseb il-hrug ta' mandat kawtelatorju jista' jinsab hati ghad-danni ma jintrabtux biss mal-erba' cirkostanzi msemmija flArtikolu 836(8), taht ir-regoli generali tar-responsabbilta` irid jintwera li tali persuna tkun mexxiet b'imprudenza, traskuragni jew nuqqas ta' hsieb ta' missier tajjeb tal-familja."*

F'dan il-kuntest, in linea ta' principju huwa ritenut li dak li tikkundanna l-ligi huwa l-abbuz tad-dritt ta' azzjoni gudizzjarja. (Ara **Spiteri vs Camilleri** P.A. deciza fl-10 ta' Jannar 1992, u **John Zarb vs Port Cottonera Limited** P.A. deciza fit-18 ta' Settembru 2002).

Huwa ben evidenti li f'dan il-procediment il-partijiet ressqu provi, inkluz valutazzjonjiet ta' periti teknici, li jiskonfinaw fil-kwistjoni tal-mertu ta` bejniethom (li qeghda tisma` wkoll din il-Qorti kif presjeduta).

Il-Qorti tenfasizza fil-kuntest illi kull stharrig li taghmel il-Qorti huwa limitat ghal dak li jidher mad-daqqa t'ghajn. L-istudju profond tal-gustifikazzjoni tal-pretensjoni jibqa' dejjem rizervat ghall-kawza fil-mertu. Kif ritenut fid-decizjoni tal-Qorti diversament presjeduta fil-proceduri **Sammut vs Sammut** deciza fl-20 ta' Novembru 2001:

*"Mid-disposizzjoni tal-Artikolu 836 jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta' prima facie, u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza proprja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel il-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja."*

Prima facie jirrizulta li l-kawzali tal-mandat kawtelatorju *de quo* li tigbor il-bazi tal-pretensjoni ta' l-

intimati odjerni u cioe l-konjugi Galea hija sabiex jigi salvagwardjat id-dritt taghhom li jircievu l-ammont ta' danni hekk kif gie kalkulat u certifikat mill-Perit taghhom.

Referibbilment ghal dak li jirrigwarda l-artikolu 836(8)(c) ma ngabet ebda prova konkreta dwar il-qaghda finanzjarja tar-rikorrenti odjerni ghajr ghax-xhieda ta' l-accountant li spjega li l-progett huwa valutat madwar 6.5 million izda dokumentazzjoni li jipprovdu dan qatt ma ingabet quddiem din il-Qorti. Minkejja l-valur, ma inghad xejn fuq jekk din l-istess proprjeta hijiex milquta minn ipoteki versu terzi fost affarijiet ohra.

In oltre, lanqas ma giet pruvata lil din il-Qorti xi malizzja jew vessatorjetà ai termini ta' l-artikolu 836(8)(d) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tinnota li t-talba ghall-hlas jirrizulta li saret wara li l-konjugi Galea garbu hsarat fil-fond taghhom u liema hsara r-rikorrenti odjerni ma ridux ihallsu fl-intier, ghax skond l-istess, l-ammont li qieghdin jigu mitluba huwa eccessiv.

F'dan l-isfond l-esponenti tagħmel riferenza għall-pronunzjament fl-ismijiet **Blye Engineering Co. Ltd. v. Paolo Bonnici Ltd.,** (7 ta' Lulju 2004), fejn il-Qorti, wara li affermat il-principju *qui suo jure utitur neminem laedere videtur*" fissret agir abbuziv: "*Tali abbuz jigi riskontrat biss f'kazijiet eccezzjonali u dan kwazi dejjem*

*f'kazijiet ta' vessatorjeta' nascenti minn mala fede jew dolo jew almenu negligenza gravament kolpuza fejn min ikun adixxa lill-Qorti ghall-hrug ta' tali mandat kawtelatorju ikun ibbaza fuq cirkostanzi manifesti nieqsa minn kull fondament kemm filfatt kif ukoll fid-dritt u b'hekk il-procedura promossa tirrizulta vessatorja. Izda apprezzament zbaljat tal-fatti u tal-konsegwenzi guridici derivanti mill-istess mhux bizzejjed sabiex tigi legittimata talba ghad-danni mill-parti rebbieha fil-kawza*."

Il-Qorti tirrileva li jinkombi fuq ir-rikorrent li jipprova xi forma ta' malizzja jew vessatorjeta` hekk kif gie implikat fir-rikors. Dan bl-applikazzjoni tal-principju li l-bona fede hija prezunta izda l-hazen irid jigi ppruvat. (Ara **Miller Blacker pro et noe vs Howard**, App.Civ. deciz fis-7 ta' Lulju 1920). F'dan l-istadju, l-Qorti ma tistax toqghod fuq assunzjonijiet jew allegazzjonijiet, kwindi tqis li ladarba dawn l-elementi ma gewx ippruvati, l-pretensjonijiet tal-intimati konjugi Galea ma jistghux jitqiesu li huma malizzjuzi, fiergha jew vessatorji billi qed tezercita dritt taghha anke f'kaz fejn lazzjoni ma jkollhiex ezitu favorevoli (Ara **Joseph sive Joe u Mary konjugi Parnis vs Raymond u Joan sive Jane konjugi Pace** , P.A. deciza fit-28 ta' Settembru 2001).

Ghalhekk, ma jezistux cirkostanzi hekk kif ikkontemplati fl-artikolu 836(8)(c) u (d) li jistghu jiggustifikaw impozizzjoni ta' penali.

Ghaldaqstant il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel talba tar-rikorrenti, taqta' u tiddeciedi billi tichad it-tieni u t-tielet talba ta' Frank Borda u Frank Borda Limited kif kontenuti fir-rikors ta' 27 ta' Gunju, 2016 bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti Frank Borda u Frank Borda Limited.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Reġistratur